

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni li ma aċċettatx lir-rikorrent għat-testijiet ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-kompetizzjoni EPSO/AD/207/11.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- jordna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrent l-ammont ta' EUR 100 000 bħala kumpens għad-danni morali subiti bħala konsegwenza tad-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-117/11)

(2012/C 25/136)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Likwidazzjoni tad-drittijiet individwali li tistabilixxi d-drittijiet għall-pensjoni ta' irtirar tar-rikorrent u tal-kalkolu ta' numru ta' snin li għandhom jiġu kkunsidrati fl-istabbiliment ta' dawn id-drittijiet.

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni addotata mill-Awtorità tal-Ħatra fit-28 ta' Lulju 2011, li permezz tagħha ċaħdet l-ilment li ġie ppreżentat mir-rikorrent fit-3 ta' Ġunju 2011, għall-annullament tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni tal-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tal-Istatut, adottat fit-3 Marzu 2011, u b'mod iktar partikolari tal-Artikolu 9 tal-imsemmija dispożizzjonijiet ġenerali u li l-Awtorità tal-Ħatra kkunsidrat li jmorru kontra d-deċiżjoni individwali nnotifikata lir-rikorrent fl-24 ta' Mejju 2011, li tipproponi kalkolu ġdid ta' annwalitajiet korrispondenti, fis-sistema tal-pensjonijiet Komunitarji, għall-ekwivalenza attwarjali tad-drittijiet tal-pensjoni magħmula mir-rikorrenti fis-sistema nazzjonali tad-dritt Belġjan;
- sakemm huwa meħtieġ, tannulla wkoll id-deċiżjoni iċċitata iktar 'il fuq, tal-24 ta' Mejju 2011, kif ukoll jekk meħtieġ skont l-Artikolu 277 tat-Trattat KEE, id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni, tat-3 ta' Marzu 2011, u b'mod iktar partikolari l-Artikolu 9 ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-118/11)

(2012/C 25/137)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tadotta deċiżjoni dwar l-oriġini professjonali tal-marda tar-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni ta' rifjut tal-Kummissjoni jew li din hija responsabbli għaliha, indipendentement mill-mod kif dan ir-rifjut seħħ u kemm jekk huwa parzjali jew totali, tal-kapijiet tat-talba tar-rikorrent tat-30 ta' Ġunju 2011, mibgħuta lill-Kummissjoni Ewropea mir-rappreżentant legali pro tempore tiegħu u lill-Awtorità tal-Ħatra tal-Kummissjoni;
- jikkonstata l-fatt li l-Kummissjoni naqset b'mod illegali milli tadotta deċiżjoni, skont u b'applikazzjoni tal-Artikolu 78 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, dwar l-oriġini professjonali tal-kundizzjoni li wasslet għall-irtirar tar-rikorrent stabbilit bid-deċiżjoni tat-30 ta' Mejju 2005, jew għall-inqas milli twettaq reviżjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni adottata minnha, *quod incertum est*, fil-mument meta adottat id-deċiżjoni tat-30 ta' Mejju 2005;
- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 4 250,00, liema somma, jekk u sa fejn ma titħallasx lir-rikorrent, toħloq interessi favur b'rata ta' 10 % fis-sena u b'kapitalizzazzjoni annwali minn għada u sal-ġurnata meta jsir il-ħlas imsemmi;
- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 50,00 kuljum minn għada u sal-180 ġurnata wara l-1 ta' Lulju 2011, għal kull ġurnata li matulha tibqa' tipper-sisti l-astensjoni inkwistjoni, liema somma ta' EUR 50,00 għandha titħallas kuljum u, jekk ma titħallasx jew sa fejn ma titħallasx, toħloq interessi favur ir-rikorrent b'rata ta' 10 % fis-sena u b'kapitalizzazzjoni annwali, mill-għada tal-ġurnata meta l-ħlas imsemmi kellu jsir u sal-ġurnata meta jsir il-ħlas;

- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 60,00 kuljum għal kull ġurnata supplimentari li matulha tippersisti l-astensjoni inkwistjoni, mill-181 ġurnata wara l-1 ta' Lulju 2011 sal-270 ġurnata wara din id-data, liema somma ta' EUR 6 000 għandha titħallas kuljum u, jekk ma titħallasx jew sa fejn ma titħallasx, toħloq interessi favur ir-rikorrent b'rata ta' 10 % fis-sena u b'kapitalizzazzjoni annwali, mill-għada tal-ġurnata meta l-ħlas imsemmi kellu jsir u sal-ġurnata meta jsir il-ħlas;
- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 75,00 kuljum għal kull ġurnata supplimentari li matulha tippersisti l-astensjoni inkwistjoni, mill-271 ġurnata wara l-1 ta' Lulju 2011 sat-360 ġurnata wara din id-data, liema somma ta' EUR 75,00 għandha titħallas kuljum u, jekk ma titħallasx jew sa fejn ma titħallasx, toħloq interessi favur ir-rikorrent b'rata ta' 10 % fis-sena u b'kapitalizzazzjoni annwali, mill-għada tal-ġurnata meta l-ħlas imsemmi kellu jsir u sal-ġurnata meta jsir il-ħlas;
- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 100,00 kuljum għal kull ġurnata supplimentari li matulha tippersisti l-astensjoni inkwistjoni, mit-361 ġurnata wara l-1 ta' Lulju 2011 sa kemm iddum l-astensjoni inkwistjoni, liema somma ta' EUR 100,00 għandha titħallas kuljum u, jekk ma titħallasx jew sa fejn ma titħallasx, toħloq interessi favur ir-rikorrent b'rata ta' 10 % fis-sena u b'kapitalizzazzjoni annwali, mill-għada tal-ġurnata meta l-ħlas imsemmi kellu jsir u sal-ġurnata meta jsir il-ħlas;
- jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-119/11)

(2012/C 25/138)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrent li għandha bħala suġġett, minn naħa, il-kumpens għad-danni subiti minħabba l-fatt li membri tal-persunal tal-Kummissjoni daħlu fir-residenza pprovduta lilu minn min kien jimpjegat f'Luanda fl-14, fis-16 u fid-19 ta' Marzu 2002, u, min-naħa l-oħra, in-notifika tal-kopji tar-

ritratti meħuda f'dik l-okkażjoni u l-qerda tad-dokumentazzjoni kollha relatata ma' dan l-avveniment

Talbiet tar-rikorrent

- jiddikjara l-ineżistenza *ex lege*, jew sussidjarjament, jannulla, id-deċiżjoni, adottata bi kwalunkwe mod, li permezz tagħha l-Kummissjoni ħadhet it-talba, tas-6 ta' Settembru 2010, li r-rikorrenti ressaq quddiem l-Awtorità tal-Fatra tal-Kummissjoni;
- sa fejn dan ikun neċċessarju, jiddikjara l-ineżistenza *ex lege*, jew sussidjarjament, jannulla, l-att, adottat bi kwalunkwe mod, li permezz tiegħu l-Kummissjoni ħadhet l-ilment intiż kontra d-deċiżjoni ta' ħadha tat-talba tas-6 ta' Settembru 2010 u għall-annullament ta' din tal-aħħar, ilment li kien iġib id-data tal-20 ta' Marzu 2011;
- jikkonstata kull wieħed mill-fatti li membri tal-persunal jew delegati tal-kummissjoni jew inkella delegati ta' membri tal-persunal tal-Kummissjoni, fl-14, fis-16 u fid-19 ta' Marzu 2002, kontra r-rieda tar-rikorrenti li ma jippermettix li dan iseħħ fi kwalsiasi mument, mingħajr ma dan tal-aħħar ma ġie sommarjament informat b'dan u għalhekk mingħajr ma kien jaf li kull wieħed minn dawn il-fatti kien ser iseħħ: (a) b'ingann, daħlu għal diversi drabi fir-residenza assenjata lilu preċedentement mill-Kummissjoni u li tisab f'Luanda (Angola), fid-distrett Bairro Azul, fir-Rua Americo Julio de Carvalho 101-103, permezz ta' sgass jew permezz ta' ċwieviet miżmuma illegalment jew f'kull każ użati illegalment; (b) hađu ritratti fir-residenza inkwistjoni;
- jikkonstata li kull wieħed mill-fatti li taw lok għad-danni kienu illegali;
- jiddikjara li kull wieħed mill-fatti li taw lok għad-danni inkwistjoni kienu illegali;
- jordna lill-Kummissjoni teqred materjalment ir-ritratti;
- jordna lill-Kummissjoni tinnotifika bil-miktub lir-rikorrent li din il-qerda tkun seħħet, flimkien, *ad substantiam*, mad-dettalji b'mod partikolari fir-rigward tad-data, il-post u l-membri tal-persunal li wettaq il-qerda materjali;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas, lir-rikorrent, bħala kumpens għad-danni inkwistjoni, tas-somma ta' EUR 20 000, jew dik is-somma ikbar jew iżgħar li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jqis li hija ekwa u ġusta, jiġifieri: (a) EUR 10 000 għad-danni li jirriżultaw mid-dħul illegali fir-residenza inkwistjoni fl-14, fis-16 u fid-19 ta' Marzu 2002; (b) EUR 10 000 għad-danni li jirriżultaw mit-teħid illegali tar-ritratti;